MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1171/2000/1

**QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA**
**Im]allef**
**Onor. Giannino Caruana Demajo LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-{img]a 9 ta' Jannar 2004**

**Numru 15**

**Ċitazzjoni 1171/2000**

**Carmelo Scerri**
***versus***
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Din il-kawża hija dwar kif g]andu jinkiteb kunjom il-konvenut.

Iċ-ċitazzjoni tg]id illi fl-att tat-twelid ta' l-attur, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 960/1967, u fl-att taż-żwieġ tieg]u, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 557/1992, kunjom missieru u kunjomu ġew kull darba murija ]ażin b]ala *Xerri* flok *Scerri*.

L-attur g]alhekk feta] din il-kawża biex jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid u taż-żwieġ tieg]u billi kull fejn jidher il-kunjom *Xerri* jitniżżel *Scerri* minflok. Qieg]ed jitlob ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hu ma jafx il-fatti miġjuba fiċ-ċitazzjoni u g]alhekk joqg]od fuq il-provi u fuq il-ġudizzju tal-qorti; u

2. f'kull każ, il-]tieġa g]al tibdil fl-atti ma hix min]abba xi nuqqas tal-konvenut, u dan g]alhekk ma g]andux je]el l-ispejjeż.

L-attur twieled fit-22 ta' Frar 1967; missieru fuq l-att tat-twelid ta' l-attur huwa muri b]ala "Calcedonio Xerri", bin "Andrew Xerri". L-attur g]alhekk ]a kunjom missieru, "Xerri", u, meta żżewweġ fit-2 ta' Mejju 1992, fuq l-att taż-żwieġ kunjomu deher b]ala "Xerri" wkoll.

Iżda l-att tat-twelid ta' Calcedonio[1], missier l-attur, juri li missier Calcedonio kien Andrea "Scerri" mhux "Xerri". Kunjom Calcedonio, g]alhekk, b]al ta' missieru, kien "Scerri" mhux "Xerri", u kunjom ibnu, l-attur, ukoll kellu jkun "Scerri" b]al ta' missieru u ta' nannuh.

[1] *Fol.* 8.

Jidher g]alhekk li kien bi żball li, fuq l-att tat-twelid u taż-żwieġ ta' l-attur, kunjomu deher b]ala "Xerri" billi kellu jkun "Scerri" b]al ta' missieru u ta' nannuh.
G]al din ir-raġuni l-qorti tilqa' t-talba ta' l-attur u tordna illi kull fejn, fl-att tat-twelid ta' l-attur, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 960/1967, u fl-att taż-żwieġ tieg]u, li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 557/1992, jidher il-kunjom "Xerri" dan g]andu jit]assar u minflok jitniżżel il-kunjom "Scerri".
Billi ma nġiebet ebda prova illi l-konvenut kien ja]ti g]al dan l-iżball, it-tieni eċċezzjoni tieg]u g]andha tintlaqa' u l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri g]andu j]allashom l-attur.

Giannino Caruana Demajo Antonella Cassar
Im]allef De

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------